# IL-FESTA TAL-KUNĊIZZJONI FI TFULITI

## Jikteb is-Sur OSCAR PULIS

***Il-Festa tal-Kunċizzjoni fi tfuliti kienet issir fuq l-istess livell bħal-lum, forsi b'iżjed entużjażmu u għaqda fost il-poplu. Żgur b'funzjonijiet itwal.***

***L-istatwa tal-Kunċizzjoni kienet tinħareġ minn niċċa l-Ġimgħa qabel l-aħħar Salve f'xi 11.00 a.m. fost id-daqq tal-Lawdi u ħruq ta' musketterija. Matul is-Salve l-mużika kienet tiftaħ b'sinfonija u għall-aħħar Salve jiġi mistieden kantant barrani minn fost dawk li jieħdu sehem fl-Opri fit-Tijatru Rjal. Il-knisja kienet tkun armata ħafna waqt li l-artal maġġur, għalkemm bil-gandlieri tal-prima u tas-sekonda tal-fidda, però mingħajr appostli għax kienu għadhom mhux tal-fidda. Ngħid għalija kont naraħ armat isbaħ mil-lum.***

**IN-NOVENA**, imħabbra jum qabel b'mota f'nofs in-nhar, kienet tibda fil-5.15 a.m. It-tempju mimli bin-nies daqs bajda, b'uħud ilestu s-siġġijiet minn kmieni billi jorbtu maktur ma' tnejn. Waqt li sejrin lejn il-knisja kienu jħabbtu l-bibien tal-ġirien biex iqumu u jmorru għan-Novena. Il-priedka fl-aħħar jum tan-Novena kienet tkun f'żewġ partijiet - bl-ewwel parti fuq il-presbiterju minn fejn fl-aħħar (ankè minn fuq il-pulptu) kienet toħroġ l-għajta tradizzjonali ta' VIVA L-IMMAKULATA.

Ma nistax ninsa ġrajja ta' lejlet il-Festa ta' madwar sittin sena ilu. Ċertu s-Sur Cutajar, igħidulu l-Pesis, negozjant tat-tabakk fi Triq San Pawl, raġel avvanzat, waqt il-priedka ħassu ħażin. Il-Predikatur waqaf u saċerdot mar jassistih; imma kien tard wisq. Wara, l-predikatur ta l-aħbar li s-Sur Cutajar miet b'qalbu maqsuma bil-ferħ. Il-qalb tal-Bormliżi minn dejjem ġeneruża, dan tixhdu s-somma li tinġabar waqt il-Quddiesa li ssir b'risq il-Festa ta' ġewwa. Wara t-Te Deum, il-Banda San Ġorġ kienet tagħmel marċ mat-toroq ewlenin.



*Il-festi jibdew bi hmistax-il Sibt li fihom kienu jsiru pelegrinaġġi; bħal dan li ġej mill-Parroċċa ta' l-Isla. (Il-post huwa Triq ix-Xatt bejn Pjazza Gavino Gulia u Paolino Vassallo.)*

**GĦAT-TRANSULAZZJONI**, għal ħabta ta' l-4.15 p.m. il-Kapitlu kien jilbes gala bil-bokkli tad-deheb fuq wiċċ iż-żarbun, it-Teżorier bil-Cappa Magna, il-Kanonċi fuq il-muzzetta libsin bħal kappa bajda tal-ġild tan-ngħaġ (Peluxa) li kienet tinżel fuq naħa waħda mal-ġemb. Il-mużika dejjem tas-Surmast Karlu Diacono u kellu sett ta' mużika grandjuż.

**F'JUM IL-FESTA, 8 TA' DIĊEMBRU**, il-poplu kien kburi għax din ukoll kienet festa kmandata u mit-3.00 a.m. bid-daqq tal-Pater Noster il-qniepen kienu jħabbru bil-kbir din il-ġrajja. Mijiet ta' Bormliżi kienu jattendu għall-Quddies li kien jiġi ċċelebrat fuq l-artali kollha b'saċerdoti jistennew biex iqaddsu.

L-aktar li tolqot il-qalb tal-poplu dejjem kienet l-istatwa tal-Kunċizzjoni, imdawra b'bukketti u xemgħa kemm tara b'għajnejk. It-torċi ta' l-artali (barra l-maġġur) kienu jkunu xemgħa tal-konsum mhux tal-molla - minħabba f'hekk is-saqaf u l-ħitan jimtlew bin-nugrufun. Dak iż-żmien wara l-bieb il-maġġur kienet tintrama sopraporta ndurata u purtiera tal-ħarir aħmar bil-frenża u ġmiem tad-deheb.

**IL-PANEĠIERKU** kien isir bit-Taljan, għalkemm ftit mill-poplu kien jaf din il-lingwa. Kulħadd kien jisma fil-ħemda sakemm tinstema' l-għajta tant mistennija ta' VIVA L-IMMAKULATA. Id-devoti jwieġbu b'ċapċip bi dmugħ ta' ferħ f'għajnejhom.

**IL-PURĊISSJONI** minn dejjem bi qtigħ il-qalb minħabba l-maltemp. Donnu dak iż-żmien il-maltemp kien aktar sikwit u aħrax. Ġili għamlet tlieta jew erba' snin, il-purċissjoni ma toħroġx.Il-Kapitlu kien isejjaħ lil Patri Odorico Grima OFM, l-astronomu Għawdxi u kittieb ta' l-ALMANAKK TAL-PATRI, jitla' fuq il-bejt tal-knisja biex jagħti parir jekk kienx galbu. Niftakar żewġ każi li l-purċissjoni tinqabad fix-xita fi Pjazza Santa Margerita u l-istatwa tidħol f'Santa Tereża u tittieħed l-għada b'purċissjoni. Meta l-purċissjoni ma toħroġx ma kinitx tiġi trasferita. L-Arċipriet Dun Duminku Cutajar, kien strett fuq hekk: darba biss ħarġet Ħadd wara meta żżanżan il-pedestal tal-fidda fl-1925.

Interessanti kienet l-UNIFORMI TAR-REFFIEGĦA – libsa tad-djagonal blu skur, qmis bajda, ċoff iswed u ngwanti bojod. Il-purċissjoni kienet tgħaddi mill-istess toroq tal-lum, minbarra dik tax-Xgħajra għax minflokha kien hemm oħra quddiem l-iskola Primarja.

*†Ikompli f'paġna23*

# IL-FESTA FI TFULITI

*†ikompli minn paġna 7*

**IL-FESTI TA' BARRA** ma kinux speċjali, bejn għax il-festa tkun fix-xitwa u bejn għax il-Bormliżi aktar miġbuda lejn il-funzjonijiet ta' ġewwa. Triq San Pawl kienet tintrama b'kolonni u statwi bis-simboli tal-Litanija. It-tlugħ ta' l-istatwa tal-Papa Piju IX fis-Suq il-Qadim kien isir permezz ta' ċima ħoxna minn ħajt tat-Tarzna għal fuq bejt in-naħa l-oħra, b'tarjola fin-nofs.

Kien hemm żmien meta l-Banda Bormliża kienet tagħmel marċ lejlet l-ewwel Sibt wara l-mota ta' l-Ave Maria, imma dan, għal raġuni jew oħra ma baqax isir. Innar kien jikkonsisti f'musketterija fil-ħruġ ta' l-istatwa, f'nofs in-nhar waqt il-mota tan-Novena, waqt il-Benedizzjoni f'kull Salve, kaxxa nfernali mat-Te Deum, murtali waqt it-Transulazzjoni, musketterija wara l-Barka u waqt is-Sanctus, kaxxa nfernali u musketterija mal-ħruġ u d-dħul tal-purċissjoni u musketterija wara l-Barka ta' l-aħħar.

Dak iż-żmien spiss kien jinqata' d-dawl elettriku, allura l-Kapitlu kien ftiehem ma' l-Ammirall biex jieħu d-dawl mill-Generating Station tat-Tarzna; għalhekk kont tara *cables* ħerġin mit-Tarzna għal fuq il-bjut għal ġol-knisja.

**FUQ SANTA LIENA**, il-festa ta' barra ma kinitx issir fit-8 ta' Diċembru, imma fl-Anniversarju ta' l-Inkurunazzjoni, li kien ikun iċċelebrat nhar l-ewwel Ħadd fuq il-Festa tal-Qalb ta' Ġesù f'Ġunju, b'armar ta' kolonni, statwi mixgħula, logħob tan-nar u banda.

Nhar il-Ġimgħa ta' wara l-Festa kien jinżamm Kapitlu Ġenerali fejn fih jinqara r-rendikont Finanzjarju. Bħala sinjal kienu jindaqqu sittin tokk bil-kbira f'nofs in-nhar u tokki oħra minn meta jibda l-Kor sa kemm il-Kapitlu jidħol fl-Aula Magna.



***1953 - L-ewwel sena li setgħa jittieħed ritratt tal-faċċata għax twaqqa l-bini ta' quddiem il-knisja.***




J & A CAMILLERI
FURNITURE, CHANDELIERS & GIFTS
QORMI ROAD, HAMRUN
TEL 231133

Simpson Boutique

144, St. Paul's Street, Cospicua.

**F'dan il-ħanut, issibu**

**Underwear u T-Shirts tan-nisa, irġiel u tfal u bosta oġġetti oħra.**